**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 28/2022 RM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**-Vs-**

**Matthew Carter**

**Illum, 10 ta' Ottubru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-soċjeta' Bank of Valletta p.l.c. fil-31 ta' Jannar 2022 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbet illi l-konvenut Matthew Carter jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' għaxart elef, mitejn u seba' Euro u għaxar ċenteżmi (€10,207.10), bilanċ għad-debitu fil-"Motor Loan Account" tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "Al sa A3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-13 ta' Jannar 2022 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jiġi dikjarat illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 26 ta' Novembru 2013 (Dok. "B") u partikolarment, imma

mhux esklussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti, u/jew (e) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi u b'hekk il-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tiegħu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Awwissu 2020 (Dok C) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jig ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ġie notifikat bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni skont kif awtorizzat permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Mejju 2022, bl-aħħar pubblikazzjoni sseħħ fid-9 ta' Ġunju 2022;

Rat illi madanakollu, minkejja li ġie debitament notifikat, il-konvenut baqa' ma deherx quddiem il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma ppreżentat ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Semghet ix-xhieda ta' Michelle Vella fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022;

Rat ukoll illi l-konvenut minkejja li ngħata l-opportunita` li jressaq il-provi tiegħu fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022, naqas milli jagħmel dan;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm il-konvenut, debitament notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba tal-bank attur kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tiegħu fil-grad probatorju meħtieġ mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi, jirriżulta illi b'skrittura privata datata 26 ta' Novembru 2013, Matthew Carter sellef mingħand il-bank attur is-somma ta' €10,000 biex jiffinanzja x-xiri ta' vettura għall-użu personali tiegħu.

Skont din l-iskrittura privata, is-self kellu jintradd lura lill-bank fuq medda ta' ħames snin permezz ta' sittin ripagament mensili fis-somma ta' €188.98 kull wieħed, kompriż imgħax, sabiex fl-aħħar tal-ħames snin il-konvenut ikun ħallas lura b'kollox is-somma ta' €11,338.80 ċioe' l-kapital fis-somma ta' €10,000 pju' imgħax fis-somma ta' €1,338.80.

Madankollu, il-bank żamm il-jedd li jitlob il-ħlas f'daqqa tal-ammont kollu tas-self jekk kemm-il darba tiġri xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, liema kundizzjonijiet ġew mehmuża mal-iskrittura privata (*Events of Default*) u ġew ukoll iffirmati miż-żewġ partijiet.

B'ittra uffiċjali datata 3 ta' Awwissu 2020[1], il-bank sejjaħ lill-konvenut sabiex iħallas id-debitu fil-*Consumer Loan Account* fis-somma ta' €9,093.52, rappreżentanti l-bilanċ dovut fuq tas-self li huwa ħa mingħand l-istess bank.

[1] Ara folio 12 tal-atti.

Mir-rendikonti bankarji li ġew mehmuża mar-Rikors maħluf (Dok. A1 sa A 3 annessi mar-Rikors promotur), jirriżulta li l-konvenut mill-ewwel beda jaqa' lura fil-ħlas tas-self billi ma jħallasx il-pagamenti mensili fil-pront kull xahar u eventwalment, beda wkoll iħallas ammonti ferm inqas mis-somma pattwita. L-aħħar pagament li sar minnu kien fit-30 ta' Mejju 2019 fis-somma ta' €100. Jirriżulta wkoll illi fit-12 ta' Jannar 2022, il-konvenut kellu bilanċ ta' debitu fil-*Motor Loan Account* ta' €7,592.54 rappreżentanti l-kapital u ta' €2,614.55 rappreżentanti imgħax, ċioe' total ta' €10,207.10.

Il-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti hija maħsuba biex il-konvenut jiġi ddikjarat u kkundannat li għandu jrodd lura l-ammont kollu li baqagħlu jħallas mis-self mogħti lilu bl-iskrittura privata tas-26 ta' Novembru 2013 u dan għaliex seħħew waħda jew iktar mill-ġrajjiet imsemmija f'din l-iskrittura privata.

Kif diga' ngħad, il-fatt waħdu li l-konvenut ma weriex interess fil-kawża u għażel li ma jweġibx għat-talba tal-bank, ma jfissirx li huwa ammetta t-talbiet u illi l-bank attur huwa meħlus mill-piż li jipprova l-każ tiegħu skont il-grad li titlob minnu l-liġi u milli jressaq provi sodisfaċjenti biex jikkonvinċi lill-Qorti li t-talba tiegħu hija mistħoqqa. Għalhekk, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis jekk il-bank irnexxilux jilħaq dan il-grad meħtieġ ta' prova.

L-ewwel talba tal-bank hija biex jiġi ddikjarat li seħħet xi waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fi-kundizzjonijiet tas-self li hemm mehmuża mal-iskrittura privata tas-26 ta' Novembru 2013 (*Events of Default*). L-effett tad-dikjarazzjoni li tkun seħħet xi waħda minn dawn il-ġrajjiet huwa li l-bank jista', b'avviż lill-konvenut, jiddikjara li l-ammont misluf huwa dovut fl-intier tiegħu f'daqqa flimkien mal-imgħaxijiet u ammonti oħra dovuti skont il-ftehim[2].

[2] Ara "Other Conditions" paragrafu 1, fol. 6.

Uħud mill-ġrajjiet li jwasslu għal din il-konsegwenza u li hemm imniżżla fil-kundizzjonijiet imsejħa "*Events of Default*" huma dawn: a) jekk il-klient jonqos milli jħallas xi somma ta' kapital, imgħax jew ammont ieħor li jkun dovut fil-ftehim tas-self; b) jekk il-klient jikser jew jonqos f'xi obbligu li ntrabat bihom fil-ftehim tas-self; c) jekk il-klient jissospendi l-pagament tad-debiti tiegħu jew ma jkunx għadu jiflaħ iħallas id-debiti tiegħu kif dawn isiru dovuti; d) jekk fil-fehma tal-bank ikun hemm tibdil sostanzjali u materjali fil-kundizzjonijiet finanzjarji tal-klient.

Għandu jingħad hawnhekk illi l-fatt waħdu li d-debitur jonqos li jħallas f'waqthom l-iskadenzi ta' ħlas, bir-rati li jkunu miftiehma mal-kreditur biex jaqta' d-dejn tiegħu, ma jwassalx b'daqshekk għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien maħsub fil-liġi, sakemm ċirkostanza bħal dik ma tkunx iddaħħlet espressament fil-ftehim meta jkun ingħata ż-żmien għall-ħlas lid-debitur[3]. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta illi l-partijiet ftiehmu espressament fl-iskrittura privata tas-26 ta' Novembru 2013 illi n-nuqqas ta' ħlas puntwali u fir-rati miftiehma għandu jitqies bħala ġrajja li l-avverament tagħha kellha twassal għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien. Dan permezz tal-kundizzjoni bl-ittra (a) fil-ftehim intestat *Events of Default*[4] fejn il-partijiet qablu espressament illi "*There shall be an event of default if: the Customer fails to pay any sum whether of principal, interest, fees or charges, due from it at the time and in the manner stipulated in the document/s regulating the Loan*;" Abbinat mal-paragrafu 1 tas-sezzjoni intestata "*Other Conditions*" fl-iskrittura tas-self, l-avverament ta' din il-kundizzjoni jfisser illi s-self isir dovut u esiġibbli minnufih flimkien mal-imgħax u ammonti oħrajn hekk kif jintbagħat avviż mill-bank li l-ammont hu dovut fl-intier tiegħu, avviż li fil-każ in diżamina, intbagħat permezz tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Awwissu 2020.

Kif jirriżulta f'dan il-każ mir-rendikonti bankarji li jinsabu annessi mar-Rikors promotur u mix-xhieda ta' Michelle Vella[5], il-konvenut għalkemm bis-saħħa tal-ftehim tas-self kien mogħti l-benefiċċju li jrodd lura l-flus misluf lilu bin-nifs, naqas

---

[3] Vide sentenza fl-ismijiet **Callus et v. Cassar et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2021.
[4] Fol. 10.
[5] Xhieda tas-6 ta' Lulju 2022.

milli jimxi mal-ftehim u jħallas lura fil-ħin u bil-mod maqbul, is-somma mensili stabbilita bi ftehim in linea ta' kapital u imgħax. Minflok, huwa wettaq il-pagamenti b'mod erratiku u f'ammont inqas minn dak pattwit u baqa' ma wettaq l-ebda pagament ieħor wara t-30 ta' Mejju 2019, meta kien għad fadal x'jitħallas lura kapital fis-somma ta' €7,592.54. Dan kollu magħdud ifisser illi skattat il-kundizzjoni maħsuba fil-paragrafu (a) tal-*Events of Default* bil-konsegwenza li filwaqt li l-konvenut għandu jitlef il-benefiċċju taż-żmien, il-bank għandu l-jedd li jitlob il-ħlas lura f'daqqa tal-bilanċ li jkun fadal. Dan il-bilanċ, skont kif joħroġ mir-rendikont bankarju Dok A3, jikkonsistu fis-somma ta' €7,592.94 kapital u s-somma ta' €2,616.55 imgħax sempliċi dekorrut sat-12 ta' Jannar 2022.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenut li, kif ingħad, baqa' ma ressaq l-ebda provi jew sottomissjonijiet biex jirribatti dak li joħroġ mill-provi li ressaq il-bank u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad mehtieg fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €10,207.10 huwa dovut lilha mill-konvenut.

**Għal dawn il-motivi, qiegħda taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt illi seħħet waħda jew iktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 26 ta' Novembru 2013 fosthom li l-konvenut naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank kif pattwit fl-imsemmija skrittura, tikkundanna lill-konvenut MATTHEW CARTER iħallas lis-soċjeta' BANK OF VALLETTA p.l.c. is-somma komplessiva ta' għaxart elef mitejn u seba' Euro u għaxar ċenteżmi (€10,207.10) bl-imgħax ulterjuri kif mitlub.**

**L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**